

Dispożittiv

- (1) L-appell prinċipali ppreżentat minn Powerserv Personalservice GmbH huwa miċħud.
- (2) L-appell incidental ppreżentat minn Manpower Inc. huwa miċħud.
- (3) Powerserv Personalservice GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 69, 21.03.2009

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-23 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Gerasimos Potamianos (C-561/08 P), Gerasimos Potamianos vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (C-4/09 P)

(Kawżi magħquda C-561/08 P u C-4/09 P) (¹)

(Appell — Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġid ta' kuntratt għal perijodu determinat — Att li jikkawża preġudizzu)

(2010/C 51/23)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Curral u D. Martin, aġenti) (C-561/08 P), Gerasimos Potamianos (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat) (C-4/09 P)

Appellati: Gerasimos Potamianos (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat) (C-4/09 P), Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Curral u D. Martin, aġenti) (C-561/08 P)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Ottubru 2008, Potamianos vs Il-Kummissjoni (T-160/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat bħala ammissibbli r-rikors ippreżentat minn G. Potamianos kontra n-notifika, min-naħa tad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (DG) "Riċerka", tal-informazzjoni li skontha l-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju ma kienx ser jiġi mġedded lil hinn mid-data ta' skadenza tiegħu — Kunċett ta' "att li jikkawża preġudizzu" — Differenza bejn l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, u tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, min-naħa l-oħra.

Dispożittiv

- (1) L-appelli huma miċħud.
- (2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 44, 21.02.2009
ĠU C 82, 04.04.2009

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ottubru 2009 — Portela — Comércio de artigos ortopédicos e hospitalares, Lda vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-85/09 P) (¹)

(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Talba għal-kumpens tal-ħsara subita minħabba d-diversi ommissjonijiet tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tad-Direttiva 93/42/KEE — Nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-ommissjonijiet allegati u l-ħsara subita mir-rikorrenti fil-kummerċjalizzazzjoni ta' termometri diġitali difettużi — Appell manifestament infondat)

(2010/C 51/24)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Appellanti: Portela — Comércio de artigos ortopédicos e hospitalares, Lda (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Schima u P. Guerra e Andrade, aġenti)

Suġġett

Appell mid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Diċembru 2009, Portela vs Il-Kummissjoni (T-137/07), li permezz tiegħu il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet, parżjalment, bħala manifestament inammissibbli u, għall-bqija, bħala manifestament infondata fid-dritt, talba intiża, b'mod prinċipali, sabiex il-Kummissjoni tiġi obbligata li tagħixxi b'mod konformi mal-Artikolu 14B tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, p. 1), kif emendata bid-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ottubru 1998, dwar il-mezzi mediċi dijanostiċi in vitro (ĠU L 331, p. 1), billi tordna lill-kumpannija ta' ċertifikazzjoni TÜV Rheinland Product Safety GmbH, permezz tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tinvoka, favur ir-rikorrenti, l-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili prevista fil-punt 6 tal-Anness XI tad-Direttiva 93/42, konkluża mill-imsemmija kumpannija u, jekk l-allegata ħsara subita ma tistax tiġi rimedjata permezz tat-talba prinċipali, sussidjariament, talba għal-kumpens tal-ħsara li r-rikorrenti subiet minħabba d-diversi ommissjonijiet tal-Kummissjoni -

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Portela — Comércio de artigos ortopédicos e hospitalares Lda hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 102, 01.05.2009.